7 ta' Frar, 1953.

Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Karmena Azzopardi

**Preċett Penali — Provi — Art. 396 tal-Kodiċi Kriminali.**

*F'każijiet fejn żewġ partijiet ġew preċettati reċiprokament, u ġiet lilhom imposta l-obligazzjoni taħt penali li ma jimmolestawx lil xulxin, l-esperjenza tgħallem li jkun hemm ċertu interess f'waħda minn dawk il-partijiet li l-parti l-oħra titlef is-somma tal-garanzija; u għalhekk il-ġudikant għandu juża ċirkospezzjoni kontra l-eżaġerazzjoni u l-isnaturazzjoni tal-fatti min-naħa ta' dik il-parti li jkollha dak l-interess.*

*Meta l-garanzija ġiet imposta fis-sens li l-parti preċettata ma għandhiex timmolesta lil persuni determinati, u mhux ukoll li żżomm il-bon ordni publiku, il-kommissjoni ta' att li jikser l-ordni publiku, iżda ma jikkostitwix molestja għal dik il-persuna, ma jammontax għal vjolazzjoni tal-garanzija. U kwindi, f'każ simili, għalkemm ikun hemm lok għall-kundanna dwar ir-reat li bih inkiser l-ordni publiku, ma hemmx lok ukoll li tiġi ordnata l-konfiska tas-somma tal-garanzija.*

B'sentenza tagħha tat-2 ta' Diċembru 1952, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputata ħatja ta' insulti u ta' atti indeċenti fil-pubiku, u kkundannatha għall-piena ta' l-ammenda ta' £2 għall-ewwel kontravvenzjoni u għal dik ta' £3 għat-tieni waħda, u ddikjarat akkwiżita favur il-Kuruna s-somma ta' £25 li għaliha kienet ġiet preċedentement preċettata l-imputata għar-rigward ta' persuni determinati, u barra minn hekk imponietilha obligazzjoni ġdida ta' £30 "de non offendendo" għal żmien sena;

L-imputata appellat;

Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni huma Francesca Ellul u żewġt itfal tagħha, Helen Ellul u Salvina Fairdough. Bejn il-partijiet, kif jidher mill-proċeduri li taw lok għall-kawzjoni preċedenti, li (ta' min jinnota) kienet imposta anki fuq

dawn ix-xhieda stess (kundannati magħha) vis-a-vis l-istess imputata, kien hemm diġà kwistjonijiet li ġiebuhom fil-Qorti. Xhieda barranin ma hemmx f'din il-kawża, ħlief Antonia Zammit, imsejħa "in defensis", li kienet irrilevanti. Għalhekk il-ġudikant, anki wara li osserva d-diportament tax-xhieda, għandu juża ċirkospezzjoni kontra l-eżaġerazzjoni u l-iżnaturazzjoni tal-fatti; molto pjù li f'każijiet simili ta' kawżjoni reċiproka l-esperjenza tgħallem li jkun hemm ċertu interess li l-ieħor jitlef is-somma tal-garanzija;

Mill-parti konsiderativa tas-sentenza appellata jidher illi l-Maġistrat sab l-att indeċenti filli l-imputata għolliet id-dublett, jew komunkwe ħwejjiġha, u sab l-insult fil-fatt tat-tifel kif deskritt fis-sentenza. Kwantu għall-att indeċenti, din il-Qorti hija ta' l-istess fehma tal-Maġistrat;

Kwantu, però, għall-fatt tat-tifel, din il-Qorti taħseb li hemm appuntu l-eżaġerazzjoni u deformazzjoni fuq rilevata. Hija ferm aktar verosimili l-versjoni ta' l-imputata........... Hawn jirrikorri l-każ ta' eżaġerazzjoni, koxjenti jew le, ta' dettall minn għand min l-affarijiet ikun qiegħed jaraħom bi ħsieb ieħor minn dak ta' sempliċi spettatur. Għalhekk l-element materjali ta' l-insult jonqos, u kwindi ma hemmx kommissjoni ta' dak ir-reat;

Kwantu għall-konfiska tas-somma tal-garanzija ta' qabel, għandu jiġi notat illi, skond it-termini tas-sentenza li imponietha, mogħtija mill-Qorti ta' Isfel fil-31 ta' Marzu 1952, din kienet "li ma timmolesx lit-tliet xhieda (u Doris Ellul) fuq imsemmijin", u mhux "anki "li żżomm il-bon ordni publiku". Hu risaput, infatti, li, skond il-liġi, il-garanzija tista' tkun sabiex titħares il-persuna ta' ħadd ieħor jew sabiex jinżamm il-bon ordni publiku (ara art. 396 Kap. 12). F'dan il-każ, il-Maġistrat impona l-obligazzjoni li l-imputata "ma timmolestax" lil dawk il-persuni, u fl-obligazzjoni minnha firmata jingħad, konformement għas-sentenza, li hija kienet qiegħda tobliga ruħha li żżomm il-kwiet "ma' dawk il-persuni", u hemm kanċellati l-kliem dwar li jinżamm il-bon ordni publiku, għaliex din l-obligazzjoni ma ġietx imposta. Issa, bil-kommissjoni ta' att indeċenti fil-publiku l-imputata setgħet kisret l-ordni publku, imma ma

immolestatx lil dawk il-persuni, u ma vvjolatx, għalhekk, kondizzjoni ta' l-obbligazzjoni. Din il-kondizzjoni kienet tkun infranta kieku l-imputata kienet ħatja ta' l-insulti; għaliex dawn, li huma infatti persekwibili bi kwerela tal-parti, jirrigwardaw il-kwiet ta' dawk il-persuni, li jiġu disturbati bihom u b'hekk jiġu molestati. Iżda din il-Qorti ma sabetx lill-imputata ħatja ta' insulti, u kwindi ma hemmx lok għall-konfiska tas-somma tal-garanzija. Għall-istess raġunijiet ma hemmx lok għall-impożizzjoni tal-garanzija l-ġdida li ordnat l-Ewwel Qorti, dejjem għar-rigward ta' dawk il-persuni;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, fis-sens li tikkonferma s-sentenza appellata filli sabet lill-imputata ħatja ta' att indeċenti fil-pubbliku u kkundannatha għall-piena ta' £3; tirrevokaha f'dawk il-kapijiet tagħha li bihom sabitha ħatja ta' insulti, iddikjarat mitlufa s-somma tal-garanzija, u imponiet garanzija ġdida, billi tiddikjara l-imputata mhux ħatja ta' insulti; u tneħħi l-konfiska tas-somma tal-garanzija preċedenti, u tneħħi wkoll il-garanzija l-ġdida. U b'hekk ipprovdiet fuq l-appell. Għall-ħlas ta' l-ammenda ta' £3 jingħata żmien ta' sitt ijiem mil-lum.